MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' April, 2003

Numru 260/2000

**Artikoli 167, 169, 183, 184, 308, 309 u 28A tal-Kodici Kriminali,**
**l-artikolu 10(1)(a) tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**v**

**BRIAN VELLA**

**Seduta ta' llum, 7 ta' April 2003**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **BRIAN VELLA** ta' tletin sena, bin Alfred u Mary nee Salerno, imwieled Pieta nhar l-ghoxrin ta' Jannar 1970 u residenti garaxx numru 2, Triq Gdida fi

Triq Giovanna Barbara, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita numru 68670M, gie imressaq quddiemha akkuzat:

1. talli f'dawn l-ahhar sebgha xhur gewwa dawn il-Gzejjer ircieva passaport Awstraljan bin-numru J 2080901 li gie mahrug lil Dennis Buhagiar minn Santa Lucija u li gie trasferit lil Brian Vella mill-Hamrun minn Denise Buhagiar minn Santa Lucija;
2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu mill-istess passaport Awstraljan bin-numru J 2080901 li gie mahrug lil istess Dennis Buhagiar;
3. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, biddel jew ghamel xi tibdil jew uza jew kellu ghandu passaport li huwa kien jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih u cioe fl-istess passaport Awstraljan bin-numru J 2080901;
4. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra li meta jigu ipprezentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depositu jew rahan minn ufficcju pubbliku jew mill-bank, jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, kif wkoll talli xjentement ghamel uzu minn dawn id-dokmumenti falsifikati;
5. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem u cioe` billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u talli xjentement ghamel uzu mill-istess dokumenti falsifikati.
6. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza.
7. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih nnifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita

pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz.
8. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn dokument iehor iffalsifikat;
9. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalfiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh, b'qerq.
10. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bi hsara ta' haddiehor, ghamel xi qligh iehor b'qerq.
11. Talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] fid-dsatax ta' Novembru 1999 fejn huwa kien instab hati li kkommetta reat u gie kkundannat tmintax il-xahar prigunerija sospizi ghal erbgha snin; u
12. Talli kiser il-provediment tal-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati [Malta] datata wiehed u tletin ta' Mejju 1999 fejn hu kien gie misjub hati ta' reat u gie liberat bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien sena.

Rat d-dokumenti kollha esibiti f'dawn l-atti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Awissu 2000 esibiti fl-atti a fol 90 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja fin-nuqqas t'oggezzjoni ta' l-imputat skond dak li hemm mahsub fl-artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti datat tlieta w ghoxrin ta' Novembru 2000.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat li din il-kawza ilha differita ghal provi tad-Difiza sa mill-erbatax ta' Mejju 2001.

Rat li f'hin minnhom l-imputat ghamel allegazzjoni ta' genn demenzia fiz-zmien tar-reati migjuba kontra tieghu permezz ta' rikors datat sittax ta' Lulju 2001 esibit fl-atti a fol 163.

Rat li l-Prosekuzzjoni permezz ta' risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija datata hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2001 esibit fl-atti a fol 165 irrimettiet ruhha gha-decizjoni tal-Qorti.

Fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2001 din il-Qorti kif preseduta kienet laqghet t-talba tal-imputat w innominat lil Doctor Joseph Vella Baldacchino, lil Doctor Joseph Cassar u lil Doctor George Debono sabiex jezaminaw lil imputat u jirrelataw dwar l-istat mentali tieghu b'mod partikolari ghal perjodu meta gie kommess l-allegat reat.

Illi nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Jannar 2002 dehru t-tlett psikjarti nominati mill-Qorti nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2001, u ppresentaw r-relazzjoni taghhom li tinsab esibita f'dawn l-atti a fol 179 markata bhala dokument JB.

Illi minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li l-imputat ma kienx qed jbati minn mard ta' genn fis-sens tal-ligi, fil-mument tal-allegat reat, ghalkemm l-imgieba tieghu fil-fehma taghhom, setghet giet influwenzata bi pressjoni ta' natura pisikika socjali peress li tal volta jbati minn meromazzjoni fil-gudizzju u imgieba tieghu.

Illi nhar s-sbatax ta' Marzu 2003 l-imputat irregistra ammissjoni fl-atti tal-kawza u dan wara li ddikjara li huwa fehem l-import tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u gie spjiegat mill-Qorti l-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu. Dan nonostante l-imputat insista u li jzomm ferm mal-ammissjoni tieghu u ma riedtx li jigi appuntat Avukat ghall-Ghajnuna Legali ghad-difiza tieghu.

Illi a bazi tal-ammissjoni volontarja tal-imputat il-Qorti m'ghandix triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif addebitat fil-konfront tieghu.

Dwar il-piena:

Il-Qorti rat li dawn il-proceduri damu ghaddejjin ghal perjodu ta' tlett snin u kien appuntu fl-ahhar seduta qabel ma l-Qorti ghaddiet biex taghti s-sentenza li l-imputat ghazel li jirregistra ammissjoni.

Ghalhekk b'din l-ammissjoni l-imputat ma hu ntitolat ghal ebda riduzzjoni fil-piena.

Qiset pero c-cirkostanzi tal-kaz minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija kemmxejn ezuberanti bi problemi ta' komportament mentali. Illi huwa kellu wkoll problema li tirrizulta minn abbuz ta' sustanzi diversi ghal diversi snin u li certu mumenti minhabba l-problema ta' abbuz serju ta' sustanzi jista jkun li l-imputat jbati minn meromazzjoni fil-gudizzju w imgieba tieghu.

Illi l-imputat fl-ebda stadju tal-proceduri ma talab xi ghajnuna mill-Qorti sabiex jindirizza din il-problema ta' abbuz serju ta' sustanzi u ghalhekk il-Qorti ma thossx li ghandha tkun klementi mieghu minhabba din il-problema u dan ghaliex fl-ebda stadju tal-proceduri ma l-imputat wera xi xewqa li jindirizza din il-problema tant akuta.

Il-Qorti qisiet ic-cirkostanzi kollha tal-kaz li huma serji hafna fis-sens li l-imputat ghamel dak li ghamel u cioe li ffalsifika il-passaport tieghu sabiex imur l-Awstralja ghalkemm inqabad f'Dubai u dan sabiex jahrab minn xi investigazzjonijiet li kienu qed isiru fuq xi omicidju li allegatament kien gie arrestat fuqu.

Illi ghalhekk il-Qorti sejra tkun severa mal-imputat fil-piena peress li huwa ttanta jahrab mill-gustizzja.

Rat wkoll l-fedina penali tal-imputat li tinsab esibita fl-atti markata bhala dokument CSH a fol 4 et seq u minn ezami tal-istess jirrizulta li bejn is-sena 1992 u s-sena 1999 huwa gie mressaq l-Qorti mill-inqas tlettax il-darba fuq diversi akkuzi fosthom dawk ta' serq, frodi, denunzja ta' reat li jaf li ma sarx, theddid w ingurji lil Ufficjali Pubblici,

offizi ta' natura hafifa fuq terzi persuni u Ufficjali Pubblici, pussess ta' mus, resiztenza u attakk kontra Ufficjali Pubblici u ricettazzjoni.

Illi minn ezami akkurat jirrizulta li huwa nghata diversi forom ta' piena f'multi, amendi, sentenzi sospizi u prigunerija.

Illi dan nonostante, l-imputat ma tghallimx jusufruwixxi ruhu minn dawn l-esperjenzi tant li jinsab quddiem il-Qorti bl-akkuzi odjerni.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi kif elenkati aktar 'l fuq, il-Qorti thoss li l-piena idoneja hija dik ta' prigunerija.

Rat l-artikoli tal-Ligi u cioe` 167, 169, 183, 184, 308, 309, 28A tal-Kap 9 u l-artikolu 10(1)(a) tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli imsemmija hawn fuq, tiddikjara li qed ssib lil imputat BRIAN VELLA hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tlett snin.**

**Oltre dan, il-Qorti rat li l-imputat ghamel r-reati fuq indikati waqt l-operat ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-dsatax ta' Novembru 1999 meta huwa kien instab hati li kkommetta reat u gie kkundannat tmintax il-xahar prigunerija sospiza ghal erba snin u ghalhekk tordna li din s-sentenza sospiza tigi operata, b'hekk komplessivament l-imputat ghandu jaghmel erbgha snin u nofs prigunerija b'dan li l-perjodu li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz, jigi mnaqqas mis-sentenza odjerna.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------